MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 5/1991/1

Pawlu Portelli
F’ismu proprju u bħala mandatarju
Tal-imsiefer ħuh, William Portelli u
Dana bis-saħħa ta’ prokura ġenerali
Hawn annessa u markata bħala dokument “A”.

vs

Joseph Portelli

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi l-attur proprio et nomine huwa propretarju u utenti ta’ diversi biċċiet raba imsejjaħ “ta’ Ħida” sive “Ta’ Majża” li qegħdin fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, liema raba huwa aċċessibbli minn passaġġ li jiżbokka ġot-triq tad-Duru, li qegħda fil-limiti tan-Nadur, Għawdex .

Illi minn fuq l-istess passaġġ, l-attur proprio et nomine għandu dritt ta' aċċess għal ġor-raba tiegħu proprio et nomine sewwa bir-riġel kif ukoll bl-inġenji;

Illi riċentement l-istess konvenut mingħajr l-ebda dritt u kontra l-volonta' ta' l-attur proprio et nomine u ta' terzi oħra li jgħaddu mill-istess passaġġ għal ġor-raba tagħhom, qabad u waħħal bieba ta' wisgħa ta' għaxar piedi u erba' pulzieri (10'4") li tinfetaħ fit-tnejn u waħħalha b'tali mod u manjiera li tinfetaħ għal fuq l-istess passaġġ bir-riżultat illi meta tiġi hekk miftuħa mill-istess konvenut, kif fatt huwa qiegħed jiftaħha u jħalliha hekk miftuha bl-iskop uniku sabiex jimblokka l-istess passaġġ, l-istess bieba qegħda tastokola d-dritt ta' passaġġ tal-istess attur proprio et nomine għal ġor-raba tiegħu, u minn liema passaġġ l-attur il-ħin kollu tiela u nieżel ;

Illi nonostanti li l-istess konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex ineħħi l-istess bieba minħabba l-mod kif għamilha, dana baqa' inadempjenti;

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jaqla' l-istess bieba li qegħda tastokola d-dritt ta' passaġġ tal-istess attur proprio et nomine;

2. f'każ illi l-istess żmien jgħaddi inutilment għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tawtorizża lill-istess attur proprio et nomine sabiex jagħmel dawk ix-xogħlijiet huma għas-spejjeż tal-istess konvenut u taħt id-direzzjoni ta' perit nominat għall-istess fini .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali, u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek.

B'riserva għal tal-azzjoni għad-danni spettanti lill-attur proprio et nomine .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' l-attur Paul Portelli.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex il-bieba in kwistjoni, kuntrarjament għal dak li jallega l-attur, ma tostakolax bl-ebda mod li wieħed jgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni : difatti, l-passaġġ huwa tal-wisgħa ta' sitt piedi u oltre dan l-istess bieba tinżamm dejjem fuq il-ganġetta u meta tinfetaħ, tinfetaħ minn naħa ta' barra u, għalhekk, ma jista' qatt ikun il-każ li min ikun għaddej mill-passaġġ f'daqqa wahda jsib ma' wiċċu bieba qegħda tinfetaħ. Illi, għalhekk, jidher ċar ħafna li din il-kawża hija waħda kapriċċjuża u vessatorja u hija waħda minn sensiela ta' kawżi simili li l-attur qiegħed kontinwament jintavola kontra l-eċċipjenti biex jivvessah u jagħmillu ħajtu (ta' bidwi) aktar diffiċli;

Illi, għalhekk, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar 1991 fejn innominat lill-avukat Dottor Carmelo Galea bħala perit legali.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru 1998 fejn issostitwiet lill-avukat Dottor Kevin Mompalao minflok l-avukat Dottor Carmelo Galea fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' April 2005 fejn irrevokat ukoll l-inkarigu ta' l-avukat Dottor Kevin Mompalao.

Rat il-verbali tad-depożizzjoni tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha tas-17 ta' Novembru 2010 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jiġi ordnat jaqla' bieba li waħħal mal-ħajt ta' l-għalqa tiegħu fl-inħawi deskritti fiċ-ċitazzjoni, għax din allegatament qed tostakolalhom l-aċċess liberu tagħhom minn passaġġ li jgħaddi minn quddiem l-istess bieba. Il-konvenut jiċħad li din il-bieba qegħda b'xi mod tostakola l-passaġġ ta' l-atturi, għax din tinfetaħ minn barra u meta tkun miftuħa dejjem tinżamm marbuta b'ganġetta mal-ħajt.

Il-bieba in kwistjoni, proprjament *gate* hija magħmula minn żewġ bibien tal-ħadid li flimkien ikejlu l-wisgħa ta' għaxar piedi u erba' pulzieri. Huwa ammess li dawn jinfetħu 'l barra u allura meta jinfetħu kull bieba tokkupa spazju ta' ħames piedu u żewġ pulzieri fuq passaġġ wiesa sitt piedi li minnu jgħaddu l-kontendenti u terzi biex jaċċedu għar-raba tagħhom fl-inħawi.[1] Huwż evidenti minn dawn ir-ritratti illi l-bibien in kwistjoni jinfetħu 'l barra u jissakru minn barra b'żewġ firrolli u katnazzi.

L-atturi qed jallegaw illi bil-mod kif twaħħlu dawn il-bibien qed jiġi ostakolat l-aċċess tagħhom mill-passaġġ li jgħaddi minn quddeim din il-*gate*. Kieku din il-*gate* kellha tassew tinżamm miftuħa b'mod perpendikulari għall-ħajt u ċioe' *at right angles*, żgur li dan il-passaġġ jiġi ostakolat, billi jibqgħu biss ftit pulzieri liberi fl-istess passaġġ. Imma ma rriżulta mkien mill-provi li dan qatt seħħ, la qabel ma ġiet istitwita din il-kawża u wisq anqas fl-għoxrin sena li ilha pendenti. Ir-ritratt Dok. PP2 esebit quddiem il-perit legali juri bieba minnhom miftuħa b'dan il-mod u tifel isuq moħħriet bil-karru warajh qed jiġġi ostakolat fil-passaġġgg tiegħhu. Imma l-atturi la alegaw u wisq inqas ippruvaw illi kien il-konvenut li ħhalla din il-bieba hekk miftuħha.

Minn naħa l-oħra l-konvenut, kif għamel fin-nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu, baqa' tul il-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, isostni li meta dawn il-bibien ikunu miftuħa qatt ma jħallihom jostakolaw il-passaġġ, u dejjem jorbothom b'ganġetta mal-ħajt b'tali mod li l-passaġġ jibqa' għal

[1] Ara pjanta u site plan esebiti mill-atturi a fol. 103 u 104 tal-process, u r-ritratti esebiti mill-atturi bhala Dokti PP1 u PP2 quddiem il-perit legali, kif ukoll dawk esebiti flimkien ma' l-affidavit tal-konvenut a fol. 70 .

kollox liberu. Il-fatt li l-istess bibien jinfetħu biss minn barra qatt ma ġie kontradett mill-atturi, u allura lanqas jista' jagħti l-każ li hemm il-possibilita' li dawn jinfetħu għal għarrieda minn ġewwa b'perikolu għal min jista jkun għaddej dak il-ħin fl-inħawi.

F'tali ċirkostanzi fejn bl-ebda mod ma ġie ppruvat illi l-bibien in kwistjoni tassew qed jostakolaw l-aċċess liberu ta' l-atturi mill-passaġġ għar-raba tagħhom fl-inħawi, t-talbiet attriċi ma jistgħu jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad it-talbiet ta' l-attur proprio qed nomine bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------